# IS-SODALITÀ TA' L-AGONIZZANTI F'SANNAT : 1760

*minn*
*Mons Lawrenz Sciberras.*

F'manuskritt bit-taljan u li dan qiegħed fil-biblijoteka nazzjonali tal-belt Valletta, fih hemm ir-regolamenti dwar it-twaqqif ta' sodalità, ta' Mewta Tajba, jew sodalità ta' l-Aġunija. Din twaqqfet fir-raħal tagħna Sannat fis-7 ta' Ġunju 1760 mill-isqof Rull. Din is-sodalità ta' l-agunija u li l-ewwel prokuratur tagħha kien Dun Anton Attard twaqqfet bi skop uniku li tagħti attenzjoni sħiħa u isir talb ħerqan għal-agoniżżanti. Maż-żmien, is-Sodalità ntrabtet ma' l-artal ta' San Ġużepp. Fis-sagristija tagħna għad hemm dan l-inkwadru mpitter tassew sabiħ ta' San Ġużepp agoniżżant; ħdejh hemm jassistuh martu Marija u ibnu Ġesù. Quddiem dan l-inkwadru u li kien f'wieħed mill-artali fil-knisja, kien isir it-talb preskritt mill-istatuti. Kienu jinxtegħlu wkoll bosta xema u tazzi taż-żejt b'sinjal ta' devozzjoni.

Minn dawn ir-regolamenti ta' min jikkonkludi kemm huwa tassew meħtieġ it-talb ma l-agoniżżanti, sabiex dawn ikollhom mewta tajba. Dan huwa mument li kulħadd għad irid jgħaddi minnu, u jixtieq li jkollu min jitlob għalih biex jagħmel mewta tajba.

**Statuti:**

**(1)** Kull min jixtieq jidħol membru kemm raġel kif ukoll mara f'din is-sodalità ta' mewta tajba, huwa obbligat li ta' kuljum jgħid tlitt Pater Noster u Tlitt Ave Marija biex jiftakar fit-tlitt sigħat li matulhom kien agoniżżant fuq is-salib is-Sinjur tagħna Ġesù Kristu. Dawn jiġu applikati għal dawk l-erwieħ kollha li jkunu fl-agunija tagħhom.

**(2)** Meta fil-parroċċa ta' Sannat ikun hemm xi funzjoni partikulari għal dawn il-membri, huma għandhom jilbsu lbies partikulari taċ-ċoqqa, konfratija u ma' qaddhom ikollhom il-ħżiem. Il-libsa tkun ta' kulur vjola. Hekk ikun hemm ċerta uniformità fl-ilbies.

**(3)** Il-prokuratur pro tempore ta' din is-sodalità iżomm żewġ reġistri; wieħed tad-dħul u l-ieħor tal-ħruġ. Fl-ewwel reġistru l-prokuratur jikteb l-isem, il-kunjom, iż-żmien, il-kundizzjoni ta' l-individwu flimkien mal-ħlas dovut minn għandu. Fir-reġistru l-ieħor jikteb il-ħruġ li jagħmel. Flimkien ma' dan il-ħruġ hemm ukoll dak tal-quddies li għandu jsir.

(4) Il-membri miktubin f'din is-sodalità għandhom iħallsu minn qabel tlitt tari kull sena; u dan jibqa' l-ħlas minn sena għal oħra. Jekk imbagħad xi ħadd mill-aħwa irġiel jew nisa għal sentejn wara xulxin ma jħallas dawn il-flus (tlitt tari) dan ikun ifisser li huwa inqata minn din is-sodalità. Jekk però fl-aħħar sena xi ħadd minnhom ikun fil-periklu tal-mewt u wara jerġa jgħix, jew jitlaq barra mill-gżira ta' Għawdex u wara jiddeċiedi li jerġa jinkiteb f'din is-sodalità, huwa għandu l-obbligu li jħallas is-snin l-imgħoddija tiegħu.

(5) Dawk kollha li jixtiequ jinkitbu f'din is-sodalità, u għandhom 25 sena, huma ukoll iħallsu 3 tari fis-sena. Dawk imbagħad li jkollhom bejn it-30 u il-50 sena u bejn il 50 u 70 sena kollox ikun fid-diskrezzjoni tal-prokuratur.

(6) Il-persuni li jkunu morda ta' kull età ma jiġux aċċettati f'din is-sodalità, imma għal darba biss jistgħu jħallsu 6 skudi. Hekk huma ukoll jgawdu mill-indulġenzi u s-suffraġi ta' din is-sodalità.

(7) Jekk xi membru ta' din is-sodalità jidħol fl-agunija, jsir talb għalih quddiem Ġesù Sagramentat għal ħin ta' tlitt sigħat biex ifakkru fit-tlitt sigħat li Ġesù għamel agonizżant fuq is-salib. Dan isir fil-knisja parrokkjali ta' Sannat. Ukoll il-qassis jixraq li jinforma lill-kappillan biex dan imur jassistih. Jekk ikun matul il-jum jitħallas 10 grani, jekk matul il-lejl 15 il-gran. Kull min jixtieq li matul l-agunija tiegħu ikollu saċerdot il-Knisja libes spellizza u ieħor ħdejn iħallas minn qabel 4 tari darba biss.

(8) Meta jmut xi membru tas-sodalità l-prokuratur pro tempore għandu jiċċelebra għal ruħu 10 quddisiet letti mill-aktar fis possibbli. L-elemosina ta' kull quddiesa hija ta' tlitt karlini l-waħda.

(9) Kull l-ewwel ġimgħa tax-xahar għandha tiġi ċċelebrata quddiesa kantata tal-passjoni tas-Sinjur Ġesù Kristu. Din il-quddiesa issir fl-artal tal-Glorjuż San Ġużepp. U kull nhar ta' Ġimgħa matul is-sena, dejjem fl-artal ta' San Ġużepp jitkanta l-innu "Jesu Dulcissime".

(10) Meta din is-sodalità jkollha xi flus żejda, l-prokuratur pro tempore tagħha wara li jinforma lill-kappillan jippruvaw jgħinu lil xi ħadd fil-bżonn. Dwar dan għandu jiġi nfurmat ukoll l-ordinarju tal-post.

(11) Jekk il-membri ta' din is-sodalità jkunu jixtiequ ikabbru, inaqqsu jew itejbu l-istrutturi ta' din is-sodalità għandhom jgħidu b'kollox lil ordinarju (l-isqof) tal-post.